# Il-bidu tad-devozzjoni kbira tal-Maltin lejn il-Madonna ta' Lourdes... u l-Floriana

Nigel Holland

**Fl-1858 ġie rraportat li f'Lourdes fi Franza kienet qed tidher mara lil daqsxejn ta' tfajla ta' 14-il sena bl-isem ta' Bernadette Soubirous fil-grotta ftit 'il barra minn din il-belt, liema mara identifikat ruħha bħala l-Immakulata Kunċizzjoni, jiġifieri l-Madonna Omm Alla. Fl-1862 il-Papa Piju IX iddikjara li dawn id-dehriet kienu awtentiċi u fl-1864 saret statwa tal-Madonna f'din il-grotta li sa mill-bidu tad-dehriet bdiet tiġbed lejha eluf u eluf ta' nies.**

Id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes ma damitx ma waslet Malta u l-benniena ta' din id-devozzjoni f'pajjiżna kienet il-Floriana. Kien fl-1874 li s-Società Promotrice Cattolica Maltese ġabet permess mill-Eċċellenza Reverendissima Mons. Arċisqof biex statwa ta'



Marija Immakulata li tfakkar id-dehra fil-grotta ta' Lourdes tiġi esposta fil-Knisja Arċipretali ta' San Publju fil-Floriana għall-venerazzjoni tal-fidili li kienu mistiedna biex jattendu bi ħġarhom biex jitolbu għall-Knisja Mqaddsa u għall-Papa li, skont il-promuturi tal-inizjattiva, kienu 'perseguitati ed oppressi dai loro nemici' ('persegwitati u oppressi mill-għedewwa tagħhom').[1]

Kien minn dakinhar li ġiet esposta din l-istatwa fil-knisja ddedikata lill-Ewwel Qaddis u Isqof Malti, l-ewwel statwa tal-Madonna ta' Lourdes li qatt ġiet esposta għall-pubbliku f'Malta, u permezz ukoll ta' kwindiċina li ġiet organizzata għal din l-okkażjoni li d-devozzjoni lejn il-Madonna taħt dan it-titlu bdiet tinfirex mal-gżejjer tagħna.[2]

L-istatwa ġiet esposta matul l-imsemmija kwindiċina li saret bejn it-3 sas-17 ta' Mejju, 1874 u f'kull ġurnata saret Quddiesa fis-6.00 a.m. għall-bżonnijiet tal-Papa. Imbagħad, filgħaxija fis-6.00 p.m. tkantaw il-Litaniji ta' Loreto u ngħatat il-Barka Sagramentali.

Fl-aħħar tlett ijiem tal-kwindiċina, il-15, 16 u 17 ta' Mejju, filgħodu saret Quddiesa kantata fid-8.45 a.m. u filgħaxija fil-5.00 p.m. tkanta l-għasar, saret prietka bil-Malti u wara l-kant tal-litaniji għalaq kollox bil-Barka Sagramentali.

Is-Società Promotrice Cattolica Maltese kienet ħeġġet lill-Kappillani, Retturi tal-Knejjes u Diretturi Spiritwali biex jikkonkorru bi ħġarhom għal din il-kwindiċina u b'hekk issir

[1] Fede ed azione : periodico bisettimanale della Società Promotrice Cattolica Maltese, is-Sibt, 16 ta' Mejju, 1874, Anno II. - Numero 148, p. 151

[2] Ibid, is-Sibt, 13 ta' Frar, 1875, Anno III. - Numero 226, p. 49

dimostrazzjoni imponenti tal-Maltin mal-Knisja u mal-Papa kif ukoll biex jibbenifikaw mill-Indulġenzi li ġew konċessi għal din l-okkażjoni.

### Indulġenzi

Kien il-Vigarju Ġenerali Carmelo Scicluna li avża permezz ta' digriet iddatat fid-29 ta' April, 1874, li l-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju IX kien ikkonċeda diversi indulġenzi fl-okkażjoni ta' din il-kwindiċina kif irriżulta minn żewġ ittri mibgħuta mill-Eminentissimu Kardinal Antonelli lill-Eċċ. Tiegħu Illma u Revma Mons. Arċisqof Isqof bid-dati rispettivi tal-21 ta' Frar u l-10 ta' April, 1874.

Fuq talba tas-Società Promotrice Cattolica Maltese, bil-permess tal-Eċċ. Tiegħu Revma Mons. Arċiscof, il-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju IX ikkonċeda Indulġenza parzjali ta' seba' snin lil dawk il-fidili li matul il-kwindiċina jmorru jitolbu quddiem ix-xbieha tal-Madonna ta' Lourdes esposta fil-Knisja Arċipretali tal-Floriana.

Aktar minn hekk, ġiet konċessa Indulġenza parzjali ta' seba' snin u seba' 'quarantene' għal kull viżta li ssir fit-tridu tal-għeluq fil-jiem tal-15, 16, 17 ta' Mejju, u Indulġenza Plenarja jekk wieħed jagħmel tmien viżti f'dawk il-jiem.

### Poplu immens fil-Floriana

Jidher li l-appelli li kienu saru biex il-poplu jikkonkorri bi ħġaru għal dawn id-devozzjonijiet taw il-frott għax ġibdu konkorrenza immensa ta' nies jitolbu lejn it-tempju tal-Floriana speċjalment fl-aħħar jiem, tat-tridu, li rriżulta f'pellegrinaġġ ta' veru tal-poplu Malti kollu.[3]

Ta' min isemmi f'din il-manifestazzjoni tal-Maltin għall-festa li saret fil-Floriana l-proċessjoni mit-Terzjarji Franġiskani, irġiel u nisa, saret is-Sibt, 16 ta' Mejju mill-Knisja tal-Kapuċċini għal dik ta' San Publju. (Hawnhekk nosserva minn kmieni l-involviment tal-Kapuċċini fid-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes li ftit snin wara, kif ser naraw, kellha proprja tissalda ruħha f'pajjiżna l-aktar permezz tal-istess Kapuċċini tal-Floriana). Malli l-proċessjoni waslet fil-Knisja ta' San Publju, il-Patri Kapuċċin Rev.da Luigi minn Bagnoli, li kien qed jgħix fostna, iċċelebra l-Quddiesa u qarben it-Terzjarji li kienu 150 u li magħhom ingħaqdet fit-tqarbin Lady Van Straubenzee, il-mara tal-Gvernatur.[4]



*l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes li tinsab fil-Knisja ta' San Publju*

Imbagħad fl-aħħar jum tal-kwindiċina, il-Ħadd, 17 ta' Mejju, id-devozzjoni laħqet il-quċċata tagħha. Is-subien tal-Congregazione Della Dottrina (Kongregazzjoni tad-Duttrina) imwaqqfa fil-Knisja ta' Sarria mxew proċessjonalment minn din il-knisja għal dik ta' San Publju, immexxija mir-Rev.mu Kan. Vidal u dawn it-tfal, li kienu jgħoddu l-mitejn wieħed, resqu lejn it-tqarbin kif għamlu wkoll fl-istess jum il-bniet, lebsin kollha l-abjad, tal-Congregazione del Oratorio (Kongregazzjoni tal-Oratorju) annessa mal-Knisja ta' San Publju taħt il-gwida tar-Rev. Dun Pasquale Buhagiar. Iċċelebra l-Quddiesa r-Rev. Dr Dun Francesco Borg, il-viċi arċipriet, li qabel it-tqarbin indirizza eżortazzjoni kommoventi lejn it-tfal.

---

[3] Ibid, is-Sibt, 16 ta' Mejju, 1874, Anno II. - Numero 148, p. 151

[4] Lady Van Straubenzee kienet il-mara tal-Gvernatur ta' Malta l-Ġeneral Sir Charles Thomas Van Straubenzee u serva f'din il-kariga bejn l-1872-1878

F'dan il-jum tant kien kbir in-numru ta' fidili li resqu biex jirċievu t-Tqarbin Imqaddes fit-tempju ta' San Publju li għalkemm l-Arċipriet flimkien ma' saċerdoti oħra ma waqfux iqarbnu bejn l-4.00 a.m. u s-7.30 a.m., ħafna u ħafna persuni kienu kostretti li jfittxu knejjes oħra biex jitqarbnu.

L-entużjażmu tal-poplu Malti u partikolarment tal-Furjaniżi laħaq l-ogħla livell f'dawk il-ġranet festivi. Ġie nnotat in-numru kbir ta' xemgħat mogħtija lill-Madonna.

Is-Società Promotrice Cattolica Maltese, f'rivista tagħha, qalet li ma setgħetx ma tirrikonoxxix kemm ħadmu, biex tirnexxi din il-manifestazzjoni reliġjuża, ir-Rev.mu Arċipriet tal-Floriana, Dun Salv. Gaffiero,[5] il-Viċi arċipriet ir-Rev. Dr Dun Francesco Borg, ir-Rev. Dun Carmelo Ellul u b'mod ġenerali l-kleru u l-poplu tal-Floriana kif innotat ukoll b'sodisfazzjon ir-rispons tal-Kappillani tad-djoċesi kollha u tal-poplu Malti għas-sejħa li saret.[6]

## Twelid tad-devozzjoni popolari f'Malta

Nistgħu ngħidu għalhekk li din il-kwindiċina li saret b'ġieħ il-Madonna ta' Lourdes fil-Knisja ta' San Publju fil-Floriana rat it-twelid tassew tad-devozzjoni popolari f'Malta lejn il-Madonna taħt dan it-titlu u kienet ix-xrara li xegħlet din id-devozzjoni f'pajjiżna.

Fil-fatt l-istatwa li ġiet esposta fil-Knisja Arċipretali tal-Floriana wisq probabbli li kienet l-ewwel statwa tal-Madonna ta' Lourdes li nġiebet Malta u kemm hu veru li d-devozzjoni popolari lejn il-Madonna ta' Lourdes rat il-bidu tagħha f'pajjiżna fl-okkażjoni ta' din il-manifestazzjoni reliġjuża fil-Knisja Arċipretali ta' San Publju joħroġ minn rapport fil-gazzetta tas-Società Promotrice Cattolica Maltese fejn insibu li bis-self ta' din l-istatwa għal dik il-kwindiċina minn Negt Pietro Paolo Galea, devot tal-Madonna, dan '... kien ikkontribwixxa biex tinxtered fostna din id-devozzjoni tenera, billi importa din l-istatwa sabiħa u fdaha lis-Soċjetà fil-jiem ta' din id-dimostrazzjoni kbira...' ('... abbia contribuito alla diffusione fra noi di questa tenera divozione, coll' importare la bella statua ed affidarla alla Società pei giorni di questa grande dimostrazione...').[7]

Għalkemm, kif rajna, oriġinarjament din l-istatwa tal-'Immakulata ta' Lourdes' ġiet mislufa lis-Soċjetà għall-okkażjoni tal-kwindiċina, ġara, iżda, li wara li għalqu dawn il-festi li saru lill-'Immakulata ta' Lourdes', Galea ddeċieda li jħalli din l-istatwa lil din il-knisja[8] għalkemm sfortunatament din kienet inqerdet mat-tiġrif tal-Knisja ta' San Publju bil-ħidma tal-għadu matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

Ta' min jirrimarka li ġie stmat li n-nies li ġew jinviżtaw lil din ix-xbieha tal-Madonna ta' Lourdes ġew minn Malta kollha, inkluż l-aktar postijiet imbiegħda, u anki saħansitra minn Għawdex u l-manifestazzjoni ta' fervur reliġjuż tal-Maltin f'dan il-pelleginaġġ lejn it-tempju tal-Floriana kienet forsi unika għat-tip tagħha li sa dak iż-żmien kienet qatt saret f'Malta.[9] Ċertament li minn dakinhar 'l quddiem deher li l-Madonna taħt it-titlu tagħha 'ta' Lourdes' kienet ser tibda tgawdi devozzjoni vasta fost il-poplu Malti u Għawdxi u nafu li ż-żmien dan ikkonfermah.

## Aktar dwar il-festi fil-Knisja ta' San Publju

Ta' min inżidu hawn aktar dettalji importanti tal-festi kbar li saru fil-Knisja ta' San Publju u li xerrdu d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes mal-gżejjer Maltin kollha.

Għal dawn il-festi kienu attendew nies minn kull strata tas-soċjetà u bin-nies ġejjin u sejrin mill-knisja l-ħin kollu s-saċerdoti kienu assedjati

[5] Ir-Rev.mu Arċipriet tal-Floriana, Dun Salv. Gaffiero kien Senglean u peress li kien ġej minn parroċċa ddedikata lill-Madonna seta' ikkontribwixxa biex fi żmienu fil-Floriana kien hemm moviment Marjan qawwi tant li minbarra din id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes, ftit xhur wara twieldet ukoll fil-Floriana d-devozzjoni lejn is-Sinjura Tagħna tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù (il-Madonna tas-Sacro Cuor)

[6] Fede ed azione : periodico bisettimanale della Società Promotrice Cattolica Maltese, is-Sibt, 23 ta' Mejju, 1874, Anno II. - Numero 150, p. 161

[7] Idem

[8] Idem

[9] Ibid, l-Erbgħa, 20 ta' Mejju, 1874, Anno II. - Numero 149, p. 155

kemm fil-konfessjonarji kif ukoll biex iqarbnu lin-nies.

L-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes kienu qegħduha fil-għoli fuq l-altar maġġur, biex setgħet tidher faċilment minn kull angolu tal-knisja, taħt tribuna maestuża b'pavaljun u ċċirkondata minn raġġiera.

L-omeliji bil-Malti fl-aħħar tlett ijiem, filgħaxijiet, saru rispettivament mill-Onor. Kan. Debono, mill-P. Pri. Vincenzo u fl-aħħar jum mill-Arċipriet tal-Floriana Dun Salv. Gaffiero.

Il-prietka bit-Taljan fl-aħħar ġurnata saret mir-Rev. P. Bonelli tal-Ordni tal-Predikaturi.

Kien diffiċli li wieħed jippreċiża n-numru ta' dawk li resqu lejn it-tqarbin fil-Knisja ta' San Publju tul il-kwindiċina li iżda żgur li kienu jgħoddu fl-eluf filwaqt li kien impossibbli li wieħed jikkalkula kemm tqarbnu tul dawk il-jiem fil-Knejjes ta' Malta.[10] Dan il-kumment tal-aħħar, meħud mir-rapport ġurnalistiku li minnu qed inwasslu dan it-tagħrif juri li l-manifestazzjoni reliġjuża li kienet qed issir fil-Knisja tal-Floriana kienet qed tiġi replikata madwar Malta kollha u tikkonferma kemm din il-manifestazzjoni kienet is-sinjal tal-bidu tad-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes f'pajjiżna.

Il-ħidma tal-Arċipriet u l-Kleru tal-Floriana biex il-manifestazzjoni mibdija mis-Società Promotrice Cattolica Maltese tkun aktar splendida kienet bla waqfien. Fl-aħħar ġurnata, filgħaxija, l-Arċipriet flimkien mas-Soċjetà imsemmija għamlu ġabra għall-Papa u nġabru aktar minn mija u ħamsin skud filwaqt li l-membri tas-Soċjetà assistew bit-torċi f'idhom madwar il-presbiterju filwaqt li stiednu ħafna persuni ta' klassijiet differenti residenti fil-Floriana biex jingħaqdu magħhom.

Membru tas-Soċjetà, il-kjeriku Dr Francesco Bonnici kien kiteb iskrizzjoni li twaħħlet fuq in-naħa ta' barra tal-bieb il-maġġur tal-Knisja u kienet tgħid hekk:

[10] Ibid, pp. 155-156

XV DIERVM<br>
QVOS<br>
DEIPARAE. IMMACULATAE<br>
QVALIS. LAPVRDI. APPARVIT.<br>
SIMULACRUM<br>
VT. IN. HAC. SANCTISSIMA. AEDE<br>
FIDELIVM. CVLTVI. PATERET<br>
CVRATUM. EST<br>
VTI. HVIVS. INSULAE. INCOLAE.<br>
OMNES<br>
VNDIQUE. HVC. CONVENIRENT<br>
VIRGINEM. OPVM. DITISSIMAM<br>
NOSTRIQVE. STVDIOSSISSIMAM.<br>
VENERATVRI<br>
AB. EAQVE<br>
IN. ECCLESIAE. CRVDELISSIMOS.<br>
HOSTES<br>
PRAESENS. EFFLAGITATVRI. AVXILIVM<br>
TRIDVVM. POSTREMV.<br>
SOLEMNISSIMVM

(Traduzzjoni)

TIFKIRA<br>
TAL-15-IL JUM<br>
LI FIHOM<br>
L-ISTATWA TAL-OMM T'ALLA<br>
IMMAKULATA<br>
KIF DEHRET ĠEWWA LOURDES<br>
ITTIEĦED ĦSIEB<br>
BIEX TINGĦATA L-QIMA TAL-FIDILI<br>
BIEX DAWK KOLLHA LI JGĦIXU F'DIN<br>
IL-GŻIRA<br>
JIĠU HAWN MINN KULLIMKIEN<br>
BIEX JAGĦTU QIMA<br>
LILL-VERĠNI L-IKTAR GĦANJA BID-<br>
DONI TAGĦHA,<br>
U LI TIEĦU ĦSIEB MILL-IKTAR<br>
TAL-ĠID TAGĦNA<br>
BIEX UKOLL PERMEZZ TAGĦHA<br>
DAWK LI ISSA SA JISSIELTU<br>
MAL-GĦEDEWWA L-IKTAR KIEFRA<br>
TAL-KNISJA<br>
JIKSBU GĦAJNUNA<br>
U JIĊĊELEBRAW TRIDU L-IKTAR<br>
SOLENNI[11]

[11] It-traduzzjoni saret minn ex-għalliem tiegħi tal-Latin, Monsinjur Dun Mikiel Anġ Camilleri, Furjaniż bħalna, u ta' dan inroddlu ħajr

### Is-sehem tat-tfal tal-iskejjel

Aktar 'l fuq, rajna s-sehem tat-tfal tad-duttrina tal-Floriana f'dawn il-festi lill-Madonna ta' Lourdes iżda kien hemm ukoll is-sehem tat-tfal tal-iskejjel u mhux tal-Floriana biss.

Kien spettaklu sabiħ u kommoventissimu dak li taw il-bniet li nġiebu fil-Knisja ta' San Publju fit-13 ta' Mejju mis-Sorijiet ta' San Ġużepp tal-Apparizzjoni ta' Bormla. Kienu madwar tmenin il-bniet lebsin l-abjad bil-velu f'rashom u b'ċintorin ċelesti madwar il-qadd li jibqa' nieżel 'l isfel, kważi b'imitazzjoni tal-libsa li biha l-Madonna ta' Lourdes riedet turi lilha nnifisha lil Bernadetta. Dawn kantaw bċejjeċ sbieħ quddiem l-altar tal-Madonna, offrew xemgħat b'qima u wara li qalu xi talb ittieħdu lura lejn Bormla.

Kien hemm okkażjoni oħra f'dawn il-festi li fiha kienu involuti tfal tal-iskola. It-tfal tal-iSkola Primarja tal-Belt, bil-bniet lebsin bl-abjad, imxew mill-Knisja ta' Santa Caterina d'Italia f'pellegrinaġġ għall-Knisja Prinċipali tal-Floriana b'devozzjoni kbira filwaqt li qalu r-rużarju tul it-triq. Uħud mis-subien ġarrew f'idejhom mazzi tal-fjuri u xi xemgħat biex jiġu ppreżentati bħala omaġġ lill-Verġni Mbierka ta' Lourdes. Fil-Knisja ngħaqdu mal-bniet tal-iSkola Sekondarja tal-Belt u ma' dawk tal-iSkola Primarja tal-Floriana.

Kif waslu fil-Knisja, iċċelebra quddiesa d-Direttur tal-iskejjel Primarji, il-Kan. Pullicino. Matul il-quddiesa tkantaw diversi innijiet sagri mit-tfal tal-iSkejjel tal-Belt taħt id-direzzjoni tal-Mro Dr Giuseppe Vella.[12] Mro Dr Vella dak iż-żmien kien qed joqgħod fil-Floriana fi Strada Magazzini (Triq l-iMħazen)[13] kien għamel xi żmien ukoll bħala surmast tal-kant fl-iSkola tal-Floriana.[14] Fil-Floriana kien anki tweldulu żewġt itfal, Luigi (fl-1868)[15] u Paolo (1873)[16], li flimkien ma' ħuhom ieħor Alberto, segwew il-passi ta' missierhom fil-qasam tal-mużika.[17]

Iżda lura għal din iċ-ċelebrazzjoni u naraw li wara l-Vanġelu, iċ-ċelebrant il-Kan. Pullicino indirizza diskors qasir imma kommoventi lit-tfal fuq il-ġrajja strepituża tal-Madonna ta' Lourdes.

Resqu għat-tqarbin madwar 230 tifel u tifla. Wara l-quddiesa ngħad it-talb, bit-Taljan, li ppubblikat is-Società Promotrice Cattolica Maltese għall-bżonnijiet tal-Knisja u tal-Papa u ngħatat il-Barka Sagramentali. Wara l-istess tfal kantaw is-Salve Reġina, il-Litaniji u xi innijiet f'ġieħ il-Madonna. U bl-istess devozzjoni rritornaw lejn il-Knisja ta' Santa Katerina. Għal darba oħra dehret ukoll f'din il-manifestazzjoni Lady Van Straubenzee, il-mara tal-Gvernatur u għoġobha tibgħat rigal lill-bniet bħala sinjal ta' approvazzjoni.[18]

### Id-devozzjoni taħkem il-Floriana

Ma setax jonqos li l-post li esperjenza l-aktar u b'mod dirett it-twelid popolari ta' din id-devozzjoni f'Malta jinħakem minn tal-ewwel minn din id-devozzjoni u hemm diversi indikazzjonijiet li juru li dan kien tassew.

Fil-fatt il-Madonna ta' Lourdes ġiet immedjatament addottata fil-Floriana bħala l-Patruna tad-Duttrina Nisranija u fil-festa tal-Madonna tad-Duttrina li saret il-Ħadd, 14 ta' Ġunju, 1874, l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes ġiet imqiegħda taħt pavaljun mill-isbaħ b'tiżjin splendidu kemm bix-xemgħat kif ukoll bi drappijiet tal-ħarir. Saret ukoll proċessjoni kommoventi, miftuħa miż-żgħażagħ tal-Istitut tad-Duttrina, bir-relikwa tal-Verġni Marija li warajha segwew f'numru kbir bniet mill-Istitut

[12] Fede ed azione : periodico bisettimanale della Società Promotrice Cattolica Maltese, l-Erbgħa, 20 ta' Mejju, 1874, Anno II. - Numero 149, p. 156

[13] The Malta Government gazette, No. 2568, it-Tnejn, 18 ta' Awwissu, 1873, p. 238

[14] Rob. Mifsud Bonnici, Muzicisti kompozituri Maltin : maestri di cappella tal-Katidral, A.B.C., 1950, p. 22

[15] Ulderico Rolandi, Musica e musicisti in Malta : saggio di ricerche e di appunti storici, Ed. dell'"Archivio Storico di Malta", 1932, p. 84

[16] Rob. Mifsud Bonnici, Muzicisti kompozituri Maltin : maestri di cappella tal-Katidral, A.B.C., 1950, p. 32

[17] Idem

[18] Fede ed azione : periodico bisettimanale della Società Promotrice Cattolica Maltese, l-Erbgħa, 20 ta' Mejju, 1874, Anno II. - Numero 149, p. 156

femminili tal-oratorju ta' San Publju, lebsin kollha bl-abjad u b'faxxa ċelesti.[19]

Filwaqt li d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes baqgħet tinfirex ma' Malta, id-devozzjoni lejha fil-Knisja ta' San Publju fil-Floriana li fiha ġiet esposta għall-ewwel darba fil-pubbliku, f'Malta, statwa tal-Immakulata ta' Lourdes kompliet tikber minn jum għal jum u serviet ta' xprun biex jinġiebu statwi oħrajn li tqiegħdu fil-Knisja tal-Kapuċċini f'Għawdex, fil-Knisja ta' Santa Barbara fil-Belt u għand ir-Rev. P. Min. Konv. tal-Mdina.[20]

Sa ftit snin wara l-manifestazzjoni reliġjuża li saret fil-Knisja ta' San Publju u li kkargat din id-devozzjoni f'pajjiżna, fil-Floriana kienet diġà saret niċċa/statwa fl-apert tal-Madonna ta' Lourdes in-naħa ta' Balzunetta, eżattament f'salib it-toroq ta' Triq il-Konservatorju u Triq l-iLjun.

Din in-niċċa kbira u għolja sular kienet żgur diġà f'postha fl-1888, jekk mhux qabel, għaliex skrizzjoni li hemm taħtha turi li kienu diġà konċessi Indulġenzi għal min jitlob quddiemha fis-sena msemmija.[21]

Huwa interessanti li dawn l-Indulġenzi kienu ġew konċessi mill-Amministratur Appostoliku ta' Malta l-Isqof Mons. Antonio Maria Buhagiar li kien bin il-Furjaniża Marija Konċetta. Mons. Buhagiar kien ġie nnominat bħala Amministratur Appostoliku ta' Malta billi l-Isqof ta' Malta Carmelo Scicluna kien daħal ġmielu sewwa fiż-żmien u ma kienx jiflaħ iżjed jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' Isqof.[22]

Li kien Mons. Buhagiar li kkonċeda dawn l-Indulġenzi għal min jitlob quddiem ix-xbieha tal-Madonna ta' Lourdes f'Balzunetta ma ħadthiex daqstant bħala sorpriża għax nifhem



li ma setax ma kienx konxju mir-rabta intima tal-Floriana mal-Madonna ta' Lourdes. Dan ikkonfermajtu meta ltqajt ma' Ittra Pastorali maħruġa mill-istess Mons. Buhagiar fl-24 ta' Settembru 1885 li kienet tħeġġeġ lill-fidili biex fix-xahar tar-Rużarju, jiġifieri Ottubru, jirreċtaw ir-Rużarju u jwettqu diversi devozzjonijiet oħra konnessi ma' din il-festa anki minħabba li f'Malta kienet qed tirrenja l-biża' ta' epidemija oħra tal-kolera. Mons. Buhagiar ħeġġeġ biex isiru proċessjonijiet u pellegrinaġġi devoti u elenka erba' knejjes li lejhom għandhom isiru dawn il-pelleginaġġi u qal li xtaq li kull Parroċċa tagħmel mill-anqas pellegrinaġġ wieħed lejn xi waħda minn dawn il-knejjes. Fosthom Mons. Buhagiar semma '... il-Knisja Arċipretali tal-Floriana, fejn hemm devozzjoni speċjali lejn is-Sinjura Tagħna ta' Lourdes; ...' ('...l'Arcipretale Chiesa della Floriana, ov'e' speciale devozione verso N.S. des Lourdes; ...).[23]

[19] Ibid, l-Erbgħa, 17 ta' Ġunju, 1874, Anno II. - Numero 157, p. 187

[20] Ibid, is-Sibt, 27 ta' Frar, 1875, Anno III. - Numero 230, pp. 66-67

[21] Programm - Festa, 4 ta' Mejju 2003, p. 55

[22] Timotju mill-Belt, Il-Knisja u l-Kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana u l-Ordni Gerosolomitan ta' Malta, Empire P., Malta, 1955, pp. 116, 120

[23] Fr. Antonius Maria Buhagiar, Ordinis Min. S. Francisci Capulatorum, Dei miseratione et S. Sedis Apostolicae gratia, Episcopus Tit. Ruspensis ac Melitensis Dioecesis Administrator Apostolicus cum ordinaria

Din hi konferma oħra, jekk kien hemm bżonn, ta' kemm id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes f'Malta hija marbuta u taf il-bidu tagħha lill-Knisja Arċipretali tal-Floriana.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes fil-Floriana baqgħet tirranka tant li fi ftit żmien ġie deċiż ukoll li, b'żieda mal-istatwa li Negt. Pietro Paolo Galea kien ħalla lill-Knisja ta' San Publju, issir statwa fuq in-naħa ta' barra tal-istess knisja. Din l-istatwa sabiħa, li qiegħda fil-ġenb tal-knisja tħares lejn Triq il-Miratur, saret fl-1889 u hija xogħol Ċensu Decandia.[24]

## Ċentru nazzjonali tal-kult

B'dan il-fervur kollu li nibet fil-Floriana lejn il-Madonna ta' Lourdes kien xieraq li eventwalment ikun f'din il-lokalità li jiġi stabbilit iċ-ċentru nazzjonali tal-kult tal-Madonna taħt dan it-titlu[25] u dan grazzi għall-ħidma tal-Patrijiet Kapuċċini li l-istorja tagħhom hija intriċċata wkoll tant mill-qrib mal-Floriana. Anki fit-twaqqif ta' dan iċ-ċentru kien hemm il-ħidma sfiqa ta' aktar minn id Furjaniża waħda, kif għad naraw.

Mela fis-sena 1881, seba' snin wara l-kwindiċina memorabbli li saret fil-Knisja parrokkjali ta' San Publju, il-W.R.P. Filippu Anton mill-Belt, li kien il-Provinċjal, ġab minn Franza statwa tal-Madonna ta' Lourdes u qiegħda flok l-istatwa ta' Santa Marija Madalena Pentitenti fil-kappella ċkejkna ddedikata lilha biswit il-kunvent tal-Kapuċċini. L-istatwa tal-Madalena poġġewha fil-kunvent. (B'xorti ħażina din inqerdet meta twaqqa' l-kunvent fit-Tieni Gwerra Dinjija).[26]

Għalkemm, kif ġa rajna, din ma kinitx l-ewwel statwa tal-Madonna ta' Lourdes li nġiebet Malta biex tinxtered din id-devozzjoni fil-Gżira tagħna, kienet minn tal-ewwel.

Għaddew ftit ta' snin u nsibu li l-ex-Provinċjal il-W.R.P. Franġisku (Sant) mill-Floriana kien ilu jaħseb biex tinbena kappella akbar li tixraq lill-Madonna għax fil-verità l-kappella oriġinali aktar kienet tixbah niċċa kbira u ma setgħetx tilqa' fiha nies.

Tfaċċa benefattur kbir fil-persuna tas-Sur Franġisku Saverju Galea minn Ħal Qormi li kien iqerr għand P. Franġisku. Is-Sur Galea qal lill-konfessur tiegħu P. Franġisku li jekk jaqla' grazzja li kellu bżonn, jagħti somma kbira ta' flus għall-bini tal-kappella l-ġdida. Il-grazzja nqalgħet u l-Furjaniż P. Franġisku mimli bil-ferħ talab il-permess mingħand il-Provinċjal il-W.R.P. Ewsebju mill-Birgu biex jibni kappella ġdida flok il-qadima.

Dan il-permess ingħata u P. Franġisku talab lill-Perit Kav. Emmanwel Borg, Furjaniż ieħor li kien serva bħala President tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena mill-anqas bejn l-1913 u l-1917[27] u ħabib u benefattur kbir tal-Kapuċċini li dik il-ħabta wkoll kien Sindku Appostoliku tal-istess Kunvent tal-Floriana, biex jagħmillu pjanta u f'Lulju tal-1918 inbeda x-xogħol tal-bini u l-Kappella tlestiet f'qasir żmien u wisq qabel ma kien mistenni.

Fost dawk li jissemmew għax-xogħol ta' ħila li wettqu fil-kappella kien hemm il-mastrudaxxa Pawlu Balzan u għalkemm ma nistax ngħid b'ċertezza iżda wisq probabbli li kien wieħed miż-żewġ aħwa Furjaniżi Balzan li kienu ħadmu l-bankun tal-vara ta' San Publju, xogħol stupend ta' interzjar, fl-1900.

Intant waslet fl-aħħar il-ġurnata tant mixtieqa u mistennija bi ħrara minn kulħadd, jiġifieri l-ġurnata tad-daħla solenni ta' Marija u l-pussess tagħha fil-Kappella l-ġdida.

iurisdictione capitulo clero et populo, Malta, 1885, pp. 6-8

[24] Joseph Theuma, L-arti Maltija fil-knejjes parrokkjali f'Programm Festa San Publju - Floriana, 7 ta' Mejju 2000, p. 27

[25] Kemm tassew li l-kappella kienet iċ-ċentru nazzjonali tal-kult tal-Madonna taħt dan it-titlu joħroġ mill-fatt li l-gazzetta influwenti 'Times of Malta' fil-ħarġa tal-Ħamis 7 ta' Frar. 1957, iddeskrivietha bħala '... il-Kappella nazzjonali tal-Madonna ta' Lourdes fil-Floriana.'

[26] Timotju mill-Belt, Il-Knisja u l-Kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana u l-Ordni Gerosolomitan ta' Malta, Empire P., Malta, 1955, pp. 36-38

[27] Mhux magħruf eżatt meta l-Perit Emmanwel Borg beda jokkupa din il-kariga, iżda żgur li kien ġa president fl-1913 filwaqt li nafu fiċ-ċert li spiċċa minn din il-kariga fl-1917



*Pellegrinaġġ bl-istatwa tas-Sacro Cour fil-paroċċa ddedikata lilha f'tas-Sliema*

Biex jieħu ħsieb ħalli tiġi ċċelebrata kif jixraq il-festa ta' din l-okkażjoni twaqqaf Kumitat apposta li kien fih ħafna personalitajiet distinti bil-maġġoranza tagħhom ikunu Furjaniżi jew b'xi konnessjoni mal-Floriana, ibda mill-President Sir Filippo Sceberras M.D. kif ukoll mis-Segretarju Albert Cesareo u l-Membri Dr Enrico Frendo LL.D., Prof. Luigi Preziosi M.D., Prof. L.A. Randon LL.D.,[28] Kav. Dr Carlo Zanghi M.D., l-Arċipriet Dun Franġisk Mallia u r-R.P. Franġisk mill-Floriana.

Fl-għodwa tal-Ħadd, 26 ta' Diċembru, 1920, l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes ittieħdet fil-Knisja Parrokkjali ta' San Publju u wara nofsinhar, fl-4.30 p.m., ħarġet il-proċessjoni b'din l-istatwa mmexxija mill-Furjaniż Arċisqof Isqof ta' Malta Mons. Dom Mawru Caruana O.S.B. Il-folla li mxiet wara l-istatwa ta' Marija kienet bla għadd u wisq akbar kienet imbagħad dik li mliet it-toroq kollha li jieħdu mill-Knisja ta' San Publju għal ħdejn il-Kapuċċini. Minn kull fejn għaddiet il-Madonna kien imżejjen b'pavaljuni u bnadar u dwal, filwaqt li l-art kienet mimlija b'kotra ta' ward frisk. Kien veru plebixxit ta' mħabba u devozzjoni tal-poplu Malti lejn il-Verġni Mqaddsa u kienet wirja ta' devozzjoni lejn il-Madonna taħt it-titlu 'ta' Lourdes' li kienet eku tal-wirja ta' devozzjoni li nibtet fil-Floriana 46 sena qabel.

Mal-wasla ħdejn il-kappella daħlet fix-xena l-banda Furjaniża tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena, sar diskors u l-Madonna ġiet imdaħħla fil-Kappella, li kienet ġiet imbierka sollennement dakinhar stess filgħodu mill-imsemmi Isqof Mawru Caruana, u ġiet mqiegħda fl-għar li jixbah ħafna lil dak ta' Lourdes.

U hekk għalaq dak il-jum sabiħ li ma jintesa qatt, l-ewwel jum fl-istorja ta' dan is-Santwarju li kompla għaqqad il-Madonna ta' Lourdes mal-Floriana, benniena tad-devozzjoni lejha.

Din il-Kappella minnufih saret iċ-ċentru nazzjonali tad-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes u tul is-snin kienu l-eluf ta' Maltin li ġew minn kull rokna tal-gżira biex iwettqu d-devozzjonijiet u jagħtu ħajr lil Alla għall-grazzji maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna ta' Lourdes.

Aktar tard, fid-9 ta' Frar, 1923, l-altar tal-irħam li kien hemm fil-Kappella ġie kkonsagrat mill-istess Arċisqof Mawru Caruana u magħluq b'kanċell sabiħ tal-irħam ukoll.

It-tħabrik tal-Patri Furjaniż, Patri Franġisk, biex jitla' dan is-Santwarju tal-Madonna ta' Lourdes fil-Floriana ġie rikonoxxut, flimkien ma' dak tal-benefattur Franġisk Saverju Galea, billi saru ritratti kbar ta' dawn it-tnejn fis-sagristija b'iskrizzjoni taħthom.

L-iskrizzjoni taħt Patri Franġisk, maqluba mil-Latin, taqra hekk:

DIN IL-KAPPELLA B'GĦAR
TAR-RUSTIKU
BI RĦAM U PITTURA
U B'KULMA TITLOB L-ARTI
IMŻEJNA
MILL-W.R.P. FRANĠISK MILL-FLORIANA

[28] Prof. L.A. Randon LL.D. dak iż-żmien kien il-President tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena

EX-PROVINĊJAL TAL-MIN. KAPP.
MIĠBURA S-SOMMA MINN BENEFATTUR
FIS-26 TA' DIĊEMBRU 1920
B'IMĦABBA ĦABREK BIEX TINBENA
U TINFETAĦ.

**Fil-Floriana għall-ewwel darba l-Ave Maria ta' Lourdes bil-Malti.**

L-Ave Maria ta' Lourdes kif nafuha llum tkantat għall-ewwel darba waqt proċessjoni *aux flambeaux* filgħaxija fis-27 ta' Marzu, 1874, u minn dakinkar 'il hawn saret sinonima ma' Lourdes. Fl-1881 dan l-innu ta' Lourdes ta' 60 vers kien irreċtat jew kantat bil-Malti fuq versi ta' Fr Paul Xuereb tal-Isla fil-Grotta tal-Madonna ta' Lourdes ħdejn il-kunvent tal-Kapuċċini fil-Floriana u fi ftit żmien inxtered ma' diversi parroċċi madwar Malta u Għawdex[29] biex b'hekk din il-grotta kompliet tiġi kkonfermata bħala ċ-ċentru nazzjonali tad-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes f'pajjiżna.

Fix-'*shelter*' mal-Furjaniżi wkoll!

Naħseb li f'din l-istorja kollha li qed nirrakkontaw ftit kienu l-ġrajjiet li jisbqu fis-sinifikat u juru bl-aktar mod emozzjonali r-rabta bejn il-Madonna ta' Lourdes u l-Furjaniżi daqs dik tat-Tieni Gwerra Dinjija fejn din il-Madonna sabet ruħha wkoll tistkenn mal-Furjaniżi mill-qilla tal-bombi tal-għadu.

Difatti x-xbieha ta' Marija, ftit wara li bdiet il-gwerra, kienet ġiet merfugħa ġo *shelter* fil-Floriana, meqjuma dejjem mill-poplu, li hemm taħt il-blat f'dawk iż-żminijiet koroh kien isib fiha l-qawwa, il-faraġ u l-għajnuna tiegħu.

**Minn Balzunetta lura f'darha... u statwa ġdida għall-parroċċa.**

Qisu li din il-Madonna ta' Lourdes riedet tieħu l-okkażjoni li tmiss ma' kull rokna tal-Floriana għax wara li għaddiet il-qilla tal-bombi ġiet meħuda qrib, fid-dar tar-Rev. Dun Manwel Magro fi Triq l-iLjun, fil-parti tal-Floriana magħrufa bħala Balzunetta fejn diġà kienet teżisti devozzjoni lejha permezz ta' statwa simili li, kif għidna aktar 'il fuq, tinsab proprju fl-istess inħawi.

Fid-dar ta' dan il-qassis fi Triq l-iLjun, fil-jiem tat-13, 14 u 15 ta' Mejju, 1946, sarilha tridu pprietkat mir-Rev. Patri Timotju mill-Belt, Kapuċċin.

Fis-16 tax-xahar, imbagħad, l-istatwa ġiet meħuda proċessjonalment għall-Knisja Arċipretali ta' San Pubblju. Hawnhekk baqgħet esposta għal tlett ijiem għall-qima tal-fidili, fejn inbdielha Tridu ieħor solenni bħala tħejjija għall-miġja tagħha lura fil-Kappella u wieħed mill-predikaturi f'dawn it-tlett ijiem kien ir-Rev. Lettur P. Feliċjan mill-Floriana.

Iżda l-aqwa jum kien bla dubju dak tad-19 ta' Mejju. Fis-7.00 a.m., fuq Tribuna mwaqqfa apposta fuq il-wesgħa tal-Fosos ta' ħdejn is-Salib tal-Kapuċċini, saret quddiesa mill-W.R. Arċipriet Anġlu Ghigo, D.D. b'fervorin tassew milqut u bit-Tqarbina ġenerali għan-nies taż-żewġ Parroċċi tal-Marsa u tal-Floriana. Wara nofsinhar, imbagħad, fl-4.15 p.m. telqet proċessjoni mill-Kunvent tal-Furjana għall-Knisja ta' San Publju fejn sar Għasar solenni u prietka mir-Rev. P. Lawrenz minn Bormla li ta lil Marija l-'Buon Viaggio' ħalli tmur lura fil-Kappella tagħha.[30]

Wieħed ma jistax ma jinnotax li kull darba li l-Madonna ta' Lourdes meqjuma fil-Kappella tal-Kapuċċini kellha taqbad it-triq lejn darha telqet mill-Knisja ta' San Publju, bħallikieku biex iġġedded ir-rabta tad-devozzjoni lejha li f'Malta xegħlet proprju f'din il-knisja ddedikata lil dan il-Patrun Isqof ta' Malta.

Wara l-prietka bdiet proċessjoni tabilħaqq imponenti b'korteo twil man-nofs mil li fost l-oħrajn ħadu sehem fiha l-W.Rev. Kleru tal-Floriana bil-Fratellanzi u l-Għaqdiet Reliġjużi tal-Parroċċa u li għaddiet minn quddiem ġemgħa ta' eluf ta' fidili, minn toroq imżejna spontanjament mill-poplu devot ta' Marija.

29 Carmel Bonavia, New Ave Maria bells for żabbar Sanctuary f'The Sunday Times, August 16, 2009, No. 8,607, p. 46

30 Soċjetà Filarmonika "Lourdes" Qrendi : leħen il-Banda Lourdes - Qrendi, 1992, p. 72-79

Il-proċessjoni kienet imsieħba t-triq kollha minn kant devot, akkumpanjat bis-sehem, għal darba oħra, tal-Banda Vilhena, tal-Floriana. Malli l-Madonna waslet fil-pjazza tal-fosos imsemmija, ġiet imsellma mill-W.R. P. Ġerardu mill-Floriana, li bil-kliem tal-iSkrittura: "Revertere, revertere, Sunamitis, ut intueamur te", qal lil Marija biex tfittex tirritorna lejn il-Grotta tagħha ħalli hemmhekk bħal qabel inkomplu nitgħaxxqu biha.

Wara saru l-Att ta' Konsagrazzjoni lill-Qalb Safja ta' Marija, tkanta Te Deum u ngħatat l-Barka Sagramentali li ġabet fi tmiemha ġrajja li tibqa' mniżżla fl-istorja ta' din il-Kappella hekk kif l-istatwa mbagħad ġiet meħuda fil-Kappella u mqiegħda f'postha, imsieħba mill-għajta ta' ferħ li ħarġet għalenija minn qalb kulħadd ta': "Viva l-Immakulata Marija ta' Lourdes".[31]

Diġà rrimarkajna aktar kmieni fuq il-fatt li l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes fil-Knisja Arċipretali ta' San Publju kienet inqerdet fit-Tieni Gwerra Dinjija bil-ħidma tal-għadu. Il-Parroċċa ta' San Publju ħasbet biex issir statwa ġdida u fil-fatt din ġiet imbierka mill-Kan. C. Bonnici nhar it-2 ta' Mejju 1948.[32]

## Kommemorazzjoni tad-dehriet

Ta' kull sena, fil-jiem li fihom il-Madonna kienet dehret lil Bernadette Soubirous, ibda mill-11 ta' Frar li kien il-jum li fih il-Madonna dehritilha għall-ewwel darba, fil-Kappella Grotta tal-Kapuċċini dawn id-dehriet jiġu kkommemorati permezz ta' funzjonijiet reliġjużi.

Kien hemm żmien, għallinqas fl-1957, meta fl-ewwel dehra kien ikun hemm il-mużika taħt id-direzzjoni ta' surmast direttur, f'din l-okkażjoni taħt id-direzzjoni tas-Surmast G. Camilleri. Fl-istess sena wkoll, fil-ġranet l-oħra tad-Dehriet kienet tieħu sehem is-*Schola Cantorum* tal-"*Cordigeri*" Franġiskani.

Interessanti wkoll li, għallinqas f'din is-sena, kien hemm invit lis-saċerdoti sekulari u regolari biex iqaddsu fil-Grotta fil-jiem tad-Dehriet u dawn kienu mitluba biex jinformaw minn qabel lill-Prokuratur xħin xtaqu li jqaddsu.[33]

## Tifkiriet tal-plejers Furjaniżi

Iżda hemm affarijiet oħra li jkomplu jitfgħu dawl fuq ir-rabta bejn il-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes u l-Furjaniżi u naħseb li ma jistax ikun hemm rabta akbar jekk fin-nofs ma jidħolx ukoll il-ballun, sport li għall-Furjaniżi qisu reliġjon oħra.

Mela fil-Kappella msemmija wieħed anki jista' jsib tifkiriet importanti li sawru l-istorja tal-futbol Furjaniż fost dawn hemm il-bandalora ċkejkna u prestiġjuża mogħtija mill-*Malta Football Association* lill-plejer internazzjonali Furjaniż Lolly Debattista meta fl-1955 dan kien rebaħ l-ewwel edizzjoni tal-*Footballer of the Year* organizzata minn din l-assoċjazzjoni.[34] Ma' din hemm ukoll kollezzjoni ta' midalji mirbuħa minn dan il-plejer mat-tim glorjuż Furjaniż.

Meta saqsejt lil Lolly Debattista fuq dawn, irrakkontali li kien talabhomlu Patri Tarċisju Gatt, patri Furjaniż iffissat fuq it-tim ta' pajjiżu, biex iqegħedhom fil-Kappella bħala sinjal ta' ġieħ lill-Madonna ta' Lourdes wara tawhom ukoll diversi plejers oħra fosthom Lolly Borg Pullu Mousu, u Tony Cauchi.

## Pellegrinaġġ mis-Seminaristi

Fiż-żmien li s-Seminarju tal-Arċisqof kien għadu fil-Floriana, is-Seminaristi kienu jorganizzaw pellegrinaġġ annwali mill-istess Seminarju għall-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes filwaqt li kienu jkantaw l-innijiet u jgħidu l-Ave Marijiet. Nafu żgur li dan il-pellegrinaġġ sar mill-anqas fl-1958[35] u l-1959.[36]

---

[31] Idem

[32] Tifkiriet li jixhdu aktar id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes fil-Floriana f'Il-Furjana, Vol. VI, April-ġunju 2008, p. 12

[33] The Sunday Times of Malta, No. 1,866, February 10, 1957, p. 6

[34] Bi żball fuq din il-bandalora hemm imniżżla s-sena 1956. Lolly Debattista nnifsu spjegali din l-anolmalija li ġrat minħabba li l-persuna li ħietiet il-bandalora, Furjaniż magħruf bl-isem ta' Ġulinu Debattista, kien għamel id-data ħażina fuqha u għal xi raġuni din baqgħet hemm

[35] Seminarium Melitense, N.us XIV, MCMLXIX, p. 25

[36] Ibid., N.us XV, MCMLX, p. 23



***Uħud mill-plejers famużi tal-Ajax li wara lagħbu mal-Furjana, snin ilu ppreżentaw il-midalji mirbuħa minnhom lill-Madonna ta' Lourdes***

### Il-promoturi tad-devozzjoni

U hawn għal mument ser nerġa' mmur lura għall-bidu tad-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes f'pajjiżna u partikolarment għall-promoturi tagħha li kienu s-Società Promotrice Cattolica Maltese[37] u dan sabiex nuri li anki hawn kien hemm konnessjoni Furjaniża, fis-sens li kien hemm mill-anqas Furjaniż wieħed li dak iż-żmien kien imdaħħal sew f'din is-soċjetà li tat bidu għal din id-devozzjoni.

Fil-fatt il-P.L. Enrico Pollacco, li aktar tard sar ukoll President tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena, kien l-amministratur tal-gazzetta ta' din is-Soċjetà li kellha l-isem ta' 'Fede ed azione: periodico bisettimanale della Società Promotrice Cattolica Maltese'[38] u din il-gazzetta ħadmet ħafna biex tinxtered id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes f'Malta b'rapporti spissi fuq dak kollu li kien qed jiġri kemm f'pajjiżna kif ukoll barra fir-rigward ta' dak kollu li kien għaddej b'konnessjoni ma' din id-devozzjoni.

### 1874 - Sena Marjana Furjaniża

Inħoss li qabel ma nagħlaq għandi nirrileva li l-1874 kienet ċertament Sena Marjana għall-Floriana li ħalliet impatt enormi fuq il-bqija ta' Malta għax minbarra li twieldet fil-knisja arċipretali u parrokkjali tagħna, id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes f'pajjiżna, twieldet ukoll id-devozzjoni popolari lejn is-Sinjura Tagħna tal-Qalb Mqaddsa ta' Ġesù, magħrufa popolarment bħala s-'Sacro Cuor'.

F'din is-sena memorabbli twaqqfet fil-Knisja Arċipretali u Parrokkjali ta' San Publju l-ewwel konfraternità f'Malta taħt it-titlu tas-'Sacro Cuor' bil-ħidma tal-promotur ta' din id-devozzjoni ġdida f'pajjiżna, il-Furjaniż Rev. Dun Emmanuele Grech.

Ġiet ikkommissjonata minnufih pittura tal-Madonna taħt dan it-titlu li saret fi ftit xhur u meta ġiet biex tiġi inawgurata saret kwindiċina ta' talb li ġibdet lejn il-knisja prinċipali tal-Floriana eluf ta' nies minn Malta kollha u li tat bidu għal din id-devozzjoni f'artna li laħqet il-milja tagħha snin wara meta f'Tas-Sliema nbniet knisja ddedikata lis-'Sacro Cuor' u suċċessivament din saret parroċċa.

Dawn id-devozzjonijiet lejn il-Madonna taħt titli differenti li ħarġu minn ġol-Floriana f'dik is-sena kienu tabilħaqq jikkwalifikaw lill-Parroċċa tal-Floriana bħala: Parroċċa Publjana - Parroċċa Marjana.

### Għeluq

Ilna nafu kemm il-Furjaniżi kienu jħossu affinità mal-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes iżda qatt ma kont nobsor li hemm din ir-rabta daqstant qawwija bejn il-Madonna ta' Lourdes u l-lokalità tagħna qabel ma' ltqajt ma' dan it-tagħrif li d-devozzjoni f'Malta lejn il-Madonna ta' Lourdes splodiet proprju minn ġewwa l-Floriana. U issa forsi nista' nifhem aktar lil missieri li sal-aħħar ta' ħajtu baqa' jpoġġi t-tama tiegħu fil-Madonna ta' Lourdes u magħha jżid lill-Patrun San Publju.

U m'għandix dubju li s-sentimenti ta' missieri kienu s-sentimenti ta' eluf u eluf ta' Furjaniżi li minn żmien li ġiet esposta għall-ewwel darba f'Malta l-ewwel statwa tal-Madonna ta' Lourdes li ġiet fi gżiritna, fl-1874 fil-Knisja Arċipretali ta' San Publju fil-Floriana, ma waqfux jirrikorru lejha u lejn il-patrun tagħhom fil-ħtiġijiet materjali u spiritwali tagħhom u ser ikomplu jagħmlu dan tul iż-żmien li ġej.

**Għaldaqstant il-Furjaniżi kienu minn tal-ewwel fil-pellegrinaġġ bl-istatwa tal-**

[37] Fede ed azione : periodico bisettimanale della Società Promotrice Cattolica Maltese, is-Sibt, 7 ta' Novembru, 1874, Anno II. - Numero 198, p. 354

[38] Ibid, l-Erbgħa, 7 ta' Ottubru, 1874, Anno II. - Numero 189, p. 322

**Madonna ta' Lourdes li sar għal darba oħra mill-Knisja Arċipretali ta' San Publju sal-kappella grotta tagħha kkurata b'tant imħabba mill-Kapuċċini fis-16 ta' Lulju, 2008 fl-okkażjoni tal-150 sena minn mindu saru d-dehriet f'Lourdes fi Franza.**

**Dan il-pellegrinaġġ ġie organizzat tant tajjeb u b'entużjażmu, bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa tal-Floriana u l-Kunsill Lokali Floriana, minn Patri Martin Mamo OFMCap, li kemm dam inkarigat mill-kappella wettaq ukoll xogħlijiet ta' manutenzjoni meħtieġa fiha.**



*Il-Kumitat tal-Floriana F.C. Nursery jawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd*



EVERGREEN GROCER
*għal kull tip ta' frott u ħaxix u issa grocer ukoll*
Delivery b'xejn
83, Triq San Tumas
il-Furjana
Tel: 27227978

Il-Gazin
Vilhena Band Club
St. Anne Street,
Floriana
Weekly Live Music
Mob: 79209556